ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tad-disgħa laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

Id-disgħa laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Ic-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista, ippresediet il-laqgħa.

**Item 1 – Attendenza u Apologiji**

Preżenti kienu c-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-Chairperson is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Mario Bartolo.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tat-tminn laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li giet issekondata mis-Sur Bartolo.

**Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti**

Is-Sur Farrugia talab li l-Kumitat jikteb ittra lir-resident fi Triq l-Għakrux u jintalab jirranġa l-bankina bħal ma qabel sar ix-xogħol sabiex jitneħħa kull periklu.

Is-Sur Farrugia staqsa jekk kienitx intbagħtet l-ittra lir-residenti f'dawk it-toroq fejn ġie propost li jsiru *one-way*.

**Item 4 - Korrispondenza**

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċju tal-Prim Ministru fejn il-Kumitat gie nfurmat li l-art imsemmija fi Triq l-Għakrux mhiex art tal-Gvern. Is-Sur Farrugia talab li l-Kumitat jikteb lis-sidien ta' din l-art sabiex jittella' ċint madwar.

Inqara invit mibgħut mill-Għaqda Mużikali lte ad Joseph – Qala fejn stieden lill-Kumitat għall-ewwel Konferenza Reġjonali għall-baned tradizzjonali li ser issir nhar is-Sibt 12, ta' Frar 2011.

**Item 5 - Affarijiet Oħra**

Is-Sinjura Debattista talbet li tigi rrangata il-*bus stop* fi Triq l-Għakrux.

Is-Sinjura Debattista reġgħet talbet li jinqata' il-qasab li hemm fil-parti dejqa fi Triq il-Farfett tal-Fejgel ma' Triq iż-Żarżarell u semmiet il-bżonn li jsir *patching* f'din il-parti.

Is-Sinjura Debattista talbet li jiġu rranġati l-bożoż li hemm maqtugħa fi Triq Bumunqar kif ukoll li ssir bozza oħra fi Triq Patri Feliċjan Grech.

Is-Sinjura Debattista tkellmet dwar il-laqgħa li saret dwar is-sigurta' fil-*playing fields*.

Is-Sur Agius tkellem dwar il-bżonn li tiġi rranġata t-*traffic island* li hemm fi Triq San Leonardu ma' Triq il-Marżebb.

Is-Sur Farrugia talab li jitneħħa t-terrapien li tħalla wara l-ħajt fi Triq San Leonardu mill-kumpanija *Rock Cut* fejn tħalla wkoll cint miftuħ.

Is-Sur Bartolo talab li titneħħa dgħajsa li hemm mitluqa fi Triq Farfett tal-Fejġel, kif ukoll il-*Caravan* li jinsab fi Triq Dun Salv Sciberras.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20 ta' filgħaxija.

Maria Elena Debattista
Chairperson

Dawn il-minuti ġew approvati fl-għaxar laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 10 ta' Marzu, 2011.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Eżekuttiv